**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Clayton Azzopardi**

Kaz Numru: 111/2015

Illum 12 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Clayton Azzopardi**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin il-mejjet Jason Azzopardi u Rita Xerri, imwieled tal-Pietà fil-11 ta' Lulju 1988, residenti gewwa Block C, Flat 1, Triq il-Gizimina, Zabbar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 336388(M)

akkuzat talli nhar il-11 ta' Novembru 2014, ghall-habta tad-09.00hrs kif ukoll fis-27 ta' Jannar 2015 gewwa dawn il-Gzejjer:

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq ufficjal tal-MEPA Emmanuel Zammit, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien

ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Emmanuel Zammit, weggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

3. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos illi jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra;

4. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat li huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Clayton Azzopardi, a beneficcju ta' Emmanuel Zammit u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 10a *et seq.*).

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu (*a fol.* 6) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 15).

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Priscilla Caruana Lee.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jitlob apologija lill-*parte civile* Zammit u semghetu jirtira l-kliem li nghad minnu fil-konfront tal-*parte civile*, liema kliem wassal biex gew intavolati l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jdejjaq, jimmolesta jew jkellem lill-*parte civile* Zammit.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-*parte civile* Zammit jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali (*a fol.* 3 *et seq.*) tal-imputat, il-fatt li l-imputat talab apologija lill-*parte civile* Zammit u li rtira l-kliem li nghad minnu fil-konfront tal-*parte civile* kif ukoll l-obbligazzjoni li ghamel l-istess imputat fis-seduta tallum, inkluz il-fatt li l-*parte civile* Zammit irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li, fis-seduta tallum, il-Prosekuzzjoni u d-

difiza qablu li l-imputat m'ghandux jigi kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 95 u 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 49(a) u 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Clayton Azzopardi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Clayton Azzopardi taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Clayton Azzopardi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Clayton Azzopardi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati Clayton Azzopardi taht Ordni ta'

Protezzjoni fil-konfront ta' Emmanuel Zammit għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**